# 215-IL MISTOQSIJA GĦAL MIN MA JEMMINX LI KRISTU HU ALLA LI JISTA' KOLLOX

**Minn**
**George Ebejer**

# <u>215-IL MISTOQSIJA GĦAL MIN MA JEMMINX LI KRISTU HU ALLA LI JISTA' KOLLOX</u>

**Minn**
**George Ebejer**

## <u>Isaija 9:6</u>

"Għax tweldilna tifel; ingħatalna iben: u s-setgħa tkun fuq spallejh, u jisemma ismu Kunsillier tal-Għaġeb, **Alla Qaw-wi**, (*El Gib-bohr*) **Missier għal dejjem**, il-Prinċep tal-Paċi."

1. **<u>Mistoqsija</u>:**
   Temmen int li hawn "it-tifel," Ġesù, huwa msejjaħ "**Alla Qawwi,**" fil-Lhudi '***El Gib-bohr'***?
   **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE
2. **<u>Mistoqsija</u>:**
   Temmen int li hawn "it-tifel," Ġesù, huwa msejjaħ "**Missier għal dejjem**"?
   **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Isaija 10:21</u>

"Bqija tarġa' tiġi, il-bqija ta' Ġakobb, lejn **Alla l-Qawwi** (***El Gib-bohr***)."

3. **<u>Mistoqsija</u>:**
   Temmen int, li hawn, **Jaħweh** huwa msejjaħ "**Alla l-Qawwi,**" fil-Lhudi '***El Gib-bohr,***' l-istess kif huwa msejjaħ "it-tifel", Ġesù, f'Isaija 9:6?
   **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Ġeremija 32:18</u>

"Int turi tjieba ma' eluf, u tħallas il-ħażen tal-missirijiet fi ħdan uliedhom warajhom: int **Alla l-Kbir, Alla l-Qaw-wi,** (***El Gib-bohr***) li ismu hu **Jaħweh** ta' l-eżerċti."

4. **<u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li hawn **Jaħweh** hu msejjaħ "**Alla l-Qawwi,**" fil-Lhudi '***El Gib-bohr,***' l-istess kif huwa msejjaħ "**it-tifel**", **Ġesù**, f'Isaija 9:6 u kif huwa msej-ah **Jaħweh** f'Isaija 10:21?

**Tweġiba:** IVA LE

5. **Mistoqsija:**

   Temmen int **li t-tnejn**, kemm **Jaħweh** u kemm **Ġesù Kristu** huma msejħa "**Alla l-Qawwi,**" li fil-Lhudi hija '***El Gib-bohr***'?

   **Tweġiba:** IVA LE

6. **Mistoqsija:**

   Jekk inti membru fl-organizzazzjoni tat-Torri ta' l-Għassa li ġġib l-isem ta' "Xhieda Ta' Jehovah" u ma taqbilx ma' dan, allura tajjeb li tqalleb il-Bibbja tat-Torri ta' l-Għassa, li ġġib l-isem ta' "New World Tran-saltion of the Holy Scriptures" with references, u tara l-footnotes ta' dawn l-Iskritturi li jinsabu f'paġni 865, 867, 869, u 976.

   Issa, li qrajt xi jgħidu tat-Torri ta' l-Għassa nfushom, temmen int **li t-tnejn**, kemm **Jaħweh** u kemm **Ġesù Kristu** huma msejħa "**Alla Qawwi,**" li fil-Lhudi hija '***El Gib-bohr***'?

   **Tweġiba:** IVA LE

7. **Mistoqsija:**

   Temmen int li Ġesù Kristu huwa **Jaħweh**?

   **Tweġiba:** IVA LE

## 1 Kronaki 29:10

"Għalhekk David bierek lil **Jaħweh** quddiem il-miġemgħa kollha: u David qal: Imbierek int **Jaħweh, Alla** ta' Iżrael, **Missierna, minn dejjem għal dejjem**."

8. <u>Mistoqsija</u>:
Temmen int li hawn, **Jaħweh**, **Alla** ta' Iżrael Hu msejjaħ **Missier minn dejjem għal dejjem**"?
<u>Tweġiba</u>: IVA LE

## <u>Mattew 23:9</u>

"U ssejħu l-ebda bniedem missierkom fuq l-art: **għax wieħed hu Missierkom, li hu fis-smewwiet**."

9. <u>Mistoqsija</u>:
Temmen int li <u>**wieħed**</u> **hu Missierna, dak li hu fis-smewwiet**
<u>Tweġiba</u>: IVA LE

10. <u>Mistoqsija</u>:
Temmen int, li għalkemm <u>**wieħed**</u> **hu Missierna**, dak li hu fis-smewwiet, Kristu wkoll hu msejjaħ **Missier għal dejjem** f'Isaija 9:6?
<u>Tweġiba</u>: IVA LE

## <u>Ġwanni 8:41</u>

"Intom tagħmlu l-egħmejjel ta' missierkom. Imbagħad qalulu: Aħna ma twelidniex miż-żena; aħna **Missier wieħed għandna, Alla**." (Ara wkoll Malakija 2:10.)

11. <u>Mistoqsija</u>: Temmen int li **l-Missier Hu Alla**?
<u>Tweġiba</u>: IVA LE

12. <u>Mistoqsija</u>: Temmen int, li **Missier wieħed** hemm biss li Hu **Alla**?
<u>Tweġiba</u>: IVA LE

13. <u>Mistoqsija</u> La hemm biss **Missier wieħed** li Hu **Alla,** u la Kristu Hu "**Missier għal dejjem**" ma jurix dan li Kristu Hu **Alla**?
<u>Tweġiba</u>: IVA LE

## <u>Isaija 45:5</u>

"Jien **Jaħweh**, u **m'hemmx ieħor**, **m'hemmx <u>Alla ieħor</u> <u>għajri</u>**..."

14. **<u>Mistoqsija</u>:** Temmen int li **<u>Jaħweh</u>** m'hemmx ieħor?
 **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

15. **<u>Mistoqsija</u>:** Temmen int li **m'hemmx <u>Alla</u> ieħor**?
 **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Isaija 40:3</u>

"Leħen ta' wieħed iniedi fid-deżert: Hejju triq lil **Jaħweh**, wittu fid-deżert triq lil **Alla** tagħna!"**.**"

16. **<u>Mistoqsija</u>:** Temmen int li din hija profezija li tgħid lit-triq għandha tkun imhejjija għal **Jaħweh, lil Alla tagħna**, li hu **Alla li Jista' Kollox**?
 **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

17. **<u>Mistoqsija</u>:** Temmen int li **Jaħweh Hu Alla tagħna**?
 **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Mattew 3:3</u>

"Għax dan hu dak **li fuq tkellem il-profeta Isaija**, li jgħid: Il-leħen ta' wieħed igħajjat fid-deżert: **Hejju t-triq tal-Mulej, (Jaħweh)** wittu l-mogħdijiet tiegħu."

18. **<u>Mistoqsija</u>:** Temmen int, li skond Mattew, dak li fuqu tkellem il-profeta Isaija kien **Ġesù Kristu**?
 **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Mark 1:2-3</u>

"Bħalma hu miktub fil-profeti: Ara, jien nibgħat il-messaġġier tiegħi quddiem wiċċek, li jhejji triqtek quddiemek. Il-leħen ta' wieħed igħajjat fid-deżert: **Hejju t-triq tal-Mulej,** wittu l-mogħdijiet tiegħu."

19. **<u>Mistoqsija</u>:** Temmen int, li skond Mattew u Mark, **Jaħweh** ta' Isaija **Hu Ġesù Kristu**?

**Tweġiba**: IVA LE

20. **Mistoqsija**: Temmen int li **Jaħweh**, li Hu **Alla tagħna** f'Isaija u li Hu **Ġesù Kristu** f'Mattew u f'Mark, allura dan juri li **Ġesù Kristu** **Hu** **Jaħweh, Alla tagħna**?
    **Tweġiba**: IVA LE

## Isaija 7:14

"Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess: Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih **Għimmanu-el**."

21. **Mistoqsija**: Temmen int li din hija profezija minn Isaija meta ntqalet kellha sseħħ fil-futur?
    **Tweġiba**: IVA LE

## Isaija 8:5, 8, 10

"[5]U **Jaħweh** reġa' kellimni u jgħidli:... [8]U tixtered fuq art Ġuda, tgħarraq u tfawwar, sa ma tilħaq sa l-għonq. Il-medda ta' ġwenħajh tgħatti l-wisa' kollu ta' artek, **Għimmanu-el**. [10]Fasslu pjan u jisfrattalkom, tkellmu bejnietkom, imma kliemkom ma jseħħx: Għax **Alla magħna**!"

22. **Mistoqsija**: Temmen int li huwa **Jaħweh** li qiegħed jitkellem hawn?
    **Tweġiba**: IVA LE
23. **Mistoqsija**: Temmen int li skond Isaija, ispirat minn Alla, **Jaħweh** huwa **Għimmanu-el, Alla magħna**?
    **Tweġiba**: IVA LE

24. **Mistoqsija**: Jekk inti membru fl-organizzazzjoni tat-Torri ta' l-Għassa li ġġib l-isem ta' "Xhieda Ta' Jehovah" u ma taqbilx ma' dan, allura tajjeb li tqalleb il-Bibbja tat-Torri ta' l-Għassa, li ġġib l-isem ta' "New World Transaltion of the Holy Scriptures" with refer-

ences, u tara l-footnotes ta' dawn l-Iskritturi li jinsabu f'paġni 865 u 866.

Issa, li qrajt xi jgħidu tat-Torri ta' l-Għassa nfushom, temmen int **li t-tnejn**, kemm **Jaħweh** u kemm **Ġesù Kristu** huma msejħa "**Alla magħna**"?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 1:22-23

"Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej [Jaħweh] permezz tal-profeta, meta qal, 'Ara, ix-xebba titqal u jkoll-ha iben, u jsemmuh **Għimmanu-El**' li bi lsienna jfisser '**Alla magħna**.'"

25. **Mistoqsija**:
Temmen int li l-**Għimmanu-El** f'Mattew **huwa Sidna Ġesù Kristu**?
**Tweġiba**: IVA LE

26. **Mistoqsija**:
Temmen int li l-**Għimmanu-El** f'Mattew li huwa **Sidna Ġesù Kristu** huwa "**Alla magħna**"?
**Tweġiba**: IVA LE

27. **Mistoqsija**:
Temmen int li l-**Għimmanu-El** f'Isaija, li huwa **Jaħweh**, u li Isaija jsejjaħlu "**Alla magħna**" huwa l-istess Wieħed li jsemmi Mattew, li huwa **Sidna Ġesù Kristu** u li Mattew isejjaħlu "**Alla magħna**"?
**Tweġiba**: IVA LE

28. **Mistoqsija**:
Temmen int li Mattew jgħid li dak li qiegħed igħid hu (b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu) huwa twettiq ta' dak li qal Isaija?
**Tweġiba**: IVA LE

## **Ġwanni 1:1**

"Fil-bidu kienet il-**Kelma**, u l-**Kelma** kienet ma' **Alla**, u l-**Kelma** **kienet** **Alla.**"

29. **Mistoqsija:** Temmen int li "**l-Kelma kienet Alla**"?
**Tweġiba**: IVA LE

## **Ġwanni 1:14**

"U l-**Kelma**, saret ġisem, u għammret fostna, u aħna rajna l-glorja tagħha, glorja bħal ta' l-Iben waħdieni mill-Missier, mimlija grazzja u verità."

30. **Mistoqsija:** Temmen int li **l-Kelma, li kienet Alla**, saret ġisem?
**Tweġiba**: IVA LE

## **Ġwanni 1:18**

"'L Alla qatt ma rah ħadd: il-Waħdieni, li hu Alla, li hu fi ħdan il-Missier, hu għarrafhulna." (Bibbja Saydon).

31. **Mistoqsija:**
Taqbel int, li skond Ġwanni, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, il-Waħdieni, Sidna Ġesù Kristu, **hu Alla**?
**Tweġiba**: IVA LE

## **1 Timotju 3:15-16**

"Imma, jekk indum ma niġi, għandek tkun taf kif għandek iġġib ruħek fid-dar ta' **Alla**, li hi l-knisja ta' **Alla** ħaj, il-kolonna u l-pedament tal-verità: Bla ebda tmerrija, kbir hu l-misteru tat-tjieba: **Li deher fil-ġisem**, kien iġġustifikat fl-Ispirtu, deher lil l-anġli, imxandar fost il-pagani, emmnuh fid-dinja, mogħti fil-glorja."

32. **Mistoqsija:**
Taqbel int, li skond l-appostlu Pawlu "**Alla deher fil-ġisem**?
**Tweġiba**: IVA LE

33. **<u>Mistoqsija</u>**:

Taqbel int, li kien Ġesù Kristu li deher fil-Ġisem għal-kemm skond l-appostlu Pawlu kien **Alla li deher fil-ġisem**?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

## <u>Lhud 1:8</u>

"Imma għall-Iben qal: It-tron tiegħek, **o Alla**, hu għal dej-jem ta' dejjem: xettru ta' ħaqq hu x-xettru ta' saltnatek."

34. **<u>Mistoqsija</u>**:

Taqbel int li hawn Alla l-Missier sejjaħ lil Iben **Alla**?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

## <u>Titu 2:13-14</u>

"U nistennew it-tama hienja u d-dehra tas-sebħ tal-kbir **Alla u Salvatur tagħna**, **Ġesù Kristu**. Hu li ta lilu nnifsu għalina biex jifdina minn kull ħażen u jnaddafna u jagħmel minna poplu għalih, poplu mħeġġeġ għal l-egħmil tajjeb."

35. **<u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int li Ġesù Kristu hawn Hu msejjah "**Alla u Salvatur tagħna**?

**Tweġiba:** IVA LE

36. **<u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int li "**Alla u Salvatur tagħna, Ġesù Kristu** ta Lilu Nnifsu għalina?

**Tweġiba:** IVA LE

## <u>Atti 20:28</u>

"Ħarsu lilkom infuskom mela, u l-merħla kollha, li fuqha l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa, biex tirgħaw il-knisja ta' **Alla**, li xtara **b'demmu stess**."

37. **<u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int, li skond dan il-vers ispirat, kien **Alla** li xtara l-knisja **b'demmu stess**?
**Tweġiba**: IVA LE

38. **Mistoqsija**:
Ma taqbilx int, mela, li kien **Alla u Salvatur tagħna, Ġesù Kristu** li ta Lilu Nnifsu għalina u b'hekk "xtara l-knisja b'demmu stess"?
**Tweġiba**: IVA LE

## Luqa 8:38-39

"Issa r-raġel li minnu kienu ħarġu d-demonji talbu bil-ħniena biex jibqa' miegħu: iżda **Ġesù** bagħtu, billi qallu: Arġa' lura darek, u xandar kemm ħwejjeġ kbar **għamillek Alla**. U dak telaq, u xandar mal-belt kollha kemm ħwejjeġ kbar **għamillu Ġesù**."

39. **Mistoqsija**:
Temmen int li hawn **Ġesù** qiegħed jirreferi Għalih Innifsu bħala **Alla**?
**Tweġiba**: IVA LE

40. **Mistoqsija**:
Igħid dan il-vers li Ġesù qal lil dak ir-raġel biex imur u jxandar mal-belt kollha kemm ħwejjeġ kbar għamillu **Alla** permezz **ta' Ġesù**?
**Tweġiba**: IVA LE

41. **Mistoqsija**:
Ma jurix dan il-vers li dawk il-ħwejjeġ kbar li għamel **Ġesù għamilhom Alla** fis-sens għaliex **Ġesù Hu tassew Alla**?
**Tweġiba**: IVA LE

## Rumani 14:10-12

"Imma int għax tagħmel ħaqq minn ħuk? Jew int għax tmaqdar lil ħuk? Għax aħna lkoll għad irridu nidhru quddiem

**it-tribunal ta' Kristu**. Għax hu miktub: Daqskemm jien ħaj, igħid il-Mulej, **kull irkobba tiltewa quddiemi**, u kull ilsien jistqarr 'l Alla. Għalhekk mela kull wieħed minna **jagħti kont 'l Alla** tiegħu nnifsu." (Ara wkoll 2 Korintin 5:10; Proverbji 24:12; Ekkleżjażti 12:14; Isaija 45:23).

42. **Mistoqsija**:
Temmen int, li hawn l-appostlu Pawlu juża l-kliem **Ġesù** u **Alla** b'mod li japplikaw għal xulxin?
**Tweġiba**: IVA LE

43. **Mistoqsija**:
Temmen int, li hawn l-appostlu Pawlu qiegħed igħid li **kull irkobba tiltewa quddiem Kristu**?
**Tweġiba**: IVA LE

## Isaija 45:22-23

"Duru lejja, u tkunu salvati, truf kollha ta' l-art: għax jien **Alla**, u m'hemmx ieħor għajri. Ħlift bija nnifsi; kelma tal-ħaqq ħarġet minn fommi, u ma tarġax lura: **Kull irkobba tiltewa lejja**, u bija kull islien jaħlef"

44. **Mistoqsija**:
Temmen int li skond dan il-kliem minn Isaija **kull irkobba tiltewa lejn Alla**?
**Tweġiba**: IVA LE

## Filippin 2:10-11

"Biex **għall-isem ta' Ġesù tiltewa kull irkobba**, ta' ħlejjaq fis-sema, u ta' ħlejjaq fuq l-art, u ta' ħlejjaq taħt l-art. U li kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu **hu l-Mulej**, għall-glorja ta' Alla l-Missier."

45. **Mistoqsija**:
Temmen int li skond dan il-kliem minn Pawlu **kull irkobba tiltewa lejn Ġesù** u li dan jaqbel perfettament ma' dak li jintqal minn Isaija?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**<u>Isaija 43:10</u>**

"Intom ix-xhieda tiegħi, igħid **Jaħweh**, u l-qaddej tiegħi li jiena ħtart: biex tagħrfu u temmnuni, u tifhmu **li jien hu**: qabli l-ebda **Alla** ma ssawwar, **u lanqas ħadd ma jkun hemm warajja**."

46. **<u>Mistoqsija</u>**:

Taqbel int li skond dan il-kliem minn Isaija ma jista' jkun hemm l-ebda Alla msawwar **wara Alla**, Jaħ-weh?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

47. **<u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int li Isaija **kien żbaljat** meta qal li *ma jista' jkun hemm l-ebda Alla msawwar **wara Alla***, Jaħweh billi Kristu Hu Alla, kif rajna u kif sejrin inkomplu naraw?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**<u>Eżodu 15:11</u>**

"Min hu bħalek, o **Jaħweh**, **fost l-allat**? Min hu bħalek, kbir fil-qdusija, tal-biża' fit-tifħir; tagħmel l-egħġubijiet?"

48. **<u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int, li l-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu, l-**Għimmanu-el**, li jfisser "**Alla magħna**", li Hu muri minn Isaija nnifsu bħala li Hu "**Alla Qawwi**" għandu jkun imqiegħed fil-kategorija ta' "**fost l-allat**"?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**<u>Ġwanni 10:30</u>**

"**Jiena u Missier ħaġa waħda aħna**."

49. **<u>Mistoqsija</u>**:

Taqbel int li la Ġesù Kristu u l-Missier huma **ħaġa waħda,** lil Ġesù qatt ma nistgħu npoġġuh fil-klassi ta' "fost l-allat"?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 10:33

"Il-Lhud weġbuh, billi qalu: Għal xi egħmil tajjeb ma nħaġġrukx: iżda għad-dagħwa; u għax int, bniedem, **tagħmel lilek inifsek Alla**."

**50. Mistoqsija**:

Taqbel int li Ġesù ma ċaħadx li Hu "għamel Lilu Nnifsu Alla?

**Tweġiba**: IVA LE

**51. Mistoqsija**:

Taqbel int li dan il-kliem huwa miktub fl-Iskrittura Mqaddsa bħala tagħlim għalina biex aħna nagħrfu li **Ġesù Hu tassew Alla**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 19:7

"Wiġbuh il-Lhud: Aħna għandna ligi, u skond il-liġi għandu jmut, għax għamel lilu nnifsu **Bin Alla**."

52. **Mistoqsija**:

Temmen int illi meta Ġesù qal lil-Lhud li Hu kien **Bin Alla** għalihom kien ifisser **li Hu Alla**?

**Tweġiba**: IVA LE

53. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-Lhud kienu żbaljati fil-fehma tagħhom?

**Tweġiba**: IVA LE

54. **Mistoqsija**:

Temmen int li Ġesù ma riedx ifisser li **Hu Alla**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 5:18

"Għalhekk il-Lhud fittxu iżjed li joqtluh, għax mhux biss kiser is-Sibt, imma wkoll għax qal li **Alla** hu Missieru, u b'hekk **għamel lilu nnifsu daqs Alla**."

55. **Mistoqsija**:

Temmen int li Lhud kienu jafu sewwa x'kienu qegħdin igħidu?

**Tweġiba**: IVA LE

56. **Mistoqsija**:

X'kien ifisser għal-Lhud li Ġesù qal li "Alla hu Missieru"?

**Tweġiba**:

Li Ġesù Hu sempliċiment bniedem maħluq ☐

Li Ġesù qiegħed jagħmel Lilu Nnifsu **daqs Alla** ☐

## Ġwanni 5:23

"Biex kulħadd jagħti ġieh lil **l-Iben** bħalma jagħti ġieh **lill-Missier**; u min ma jagħtix ġieh **lill-Iben** anqas ma jagħti ġieh **lill-Missier**"

57. **Mistoqsija**:

Temmen int li dan il-kliem juri li kemm l-Iben u kemm il-Missier huma **ħaġa waħda**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Filippin 2:5-7

"Ħa jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù: Li, għalkemm **kien f'sura ta' Alla**, ma qishiex bħala ħaġa misruqa **li jkun daqs Alla**: Iżda xejjen lilu nnifsu, u ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u **kien magħmul fix-xbieha tal-bniedem**. U wara li minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib."

58. **Mistoqsija**:
Temmen int li Kristu Ġesù **kien f'sura ta' Alla**?
**Tweġiba**: IVA LE

59. **Mistoqsija**:
Temmen int li Kristu Ġesù **kien daqs Alla**?
**Tweġiba**: IVA LE

60. **Mistoqsija**:
Temmen int illi li kieku Kristu Ġesù ma kienx **daqs Alla** l-appostlu Pawlu kien ikun qiegħed jurih bħala li qiegħed **jisraq lil Alla**?
**Tweġiba**: IVA LE

61. **Mistoqsija**:
Temmen int li Kristu Ġesù **kien daqs Alla** imma xejjen Lilu Nnifsu u sar bniedem?
**Tweġiba**: IVA LE

62. **Mistoqsija**:
Jista' xi ħadd iqiegħed lil Kristu Ġesù li hawn jintqal li Hu **daqs Alla** fil-kategorija ta' "**fost l-allat**"? (ara Mistoqsija 44.)
**Tweġiba**: IVA LE

63. **Mistoqsija**:
Ma jaqbilx dan il-kliem ma dak li jintqal fi Ġwanni 1: 1, 14 fejn dawn il-versi juru li l-Kelma (Kristu) **kienet Alla** u saret bniedem?
**Tweġiba**: IVA LE

64. **Mistoqsija**:
Temmen int, mela, li Ġesù Kristu Hu **daqs Alla** u bħala l-Kelma (il-Logos) xejjen Lilu Nnifsu u sar bniedem u għammar fostna?
**Tweġiba**: IVA LE

65. **Mistoqsija**:

Temmen int, li Ġesù Kristu għandu **natura ta' Alla** u **natura ta' bniedem**?

__Tweġiba__: IVA LE

## __Ġwanni 14:28__

"Smajtu x'għidtilkom: Sejjer, u narġa' niġi għandkom. Kieku ħabbejtuni, kontu tifirħu, għax għidt: Sejjer għand Missieri: għax **Missieri akbar minni**."

**66. __Mistoqsija__:**

Temmen int, li hawn Ġesù qiegħed jitkellem dwar in-**natura umana u x-xogħol** Tiegħu bħala **bniedem**?

__Tweġiba__: IVA LE

## __Mattew 4:2__

"U wara li sam erbgħin jum u erbgħin lejl, **ħadu l-ġuħ**."

**67. __Mistoqsija__:**

Temmen int, li hawn Mattew qiegħed jitkellem dwar in-**natura umana** ta' Ġesù?

__Tweġiba__: IVA LE

## __Ġwanni 19:28__

"Wara dan , billi kien jaf Ġesù li kollox issa kien mitmum, biex isseħħ l-iskrittura, qal: **Għandi l-għatx**."

**68. __Mistoqsija__:**

Temmen int, li hawn Ġwanni qiegħed jitkellem dwar in-**natura umana** ta' Ġesù?

__Tweġiba__: IVA LE

## __Ġwanni 4:6__

"Issa l-bir ta' Ġakobb kien hemm. Mela **Ġesù, billi kien għajjien** bil-vjaġġ tiegħu, qagħad hekk bil-qiegħda fuq il-bir: u kienet madwar is-sitt siegħa."

**69. __Mistoqsija__:**

Temmen int, li hawn Ġwanni qiegħed jitkellem dwar in-**natura umana** ta’ Ġesù?

**Tweġiba:** IVA LE

## Ġwanni 11:33

“Mela meta Ġesù raha tibki, u l-Lhud li ġew magħha jibku wkoll, **tnieghed fl-ispirtu u kien imqanqal**.”

**70. Mistoqsija:**

Temmen int, li hawn Ġwanni qiegħed jitkellem dwar in-**natura umana** ta’ Ġesù?

**Tweġiba:** IVA LE

## Ġwanni 11:25

“U Ġesù **beka**.”

**71. Mistoqsija:**

Temmen int, li hawn Ġwanni qiegħed jitkellem dwar in-**natura umana** ta’ Ġesù?

**Tweġiba:** IVA LE

## Ġwanni 15:11

“Għidtilkom dawn il-ħwejjeġ, biex **il-ferħ tiegħi** jibqa’ fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.”

**72. Mistoqsija:**

Temmen int, li hawn Ġwanni qiegħed juri li meta Ġesù qal il-kliem “biex **il-ferħ tiegħi** jibqa’ fikom” Hu kien qiegħed jesperjenza emozzjonalment bħala bniedem **il-ferħ**?

**Tweġiba:** IVA LE

## Mark 3:5

“U wara li ħares lejhom **imgħaddab**, billi kien **imwaġġa’** bl-ebusija ta’ qalbhom, qal lir-raġel: Midd idek. U dak meddha: u idu saret b’saħħitha bħall-oħra.”

73. **Mistoqsija**:

Temmen int, li hawn Mark qiegħed juri lil Ġesù bħala bniedem **imgħaddab u mwaġġa'**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Luqa 7:9

"U malli sama' dan, **Ġesù stagħġeb** bih, u dar, u qal lin-nies li kienet miexja warajh: Ngħidilkom li ma sibtx fidi hekk kbira, le, lanqas f'Iżrael."

74. **Mistoqsija**:

Temmen int, li hawn Ġesù **stagħġeb** bħala bniedem?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mark 13:32

"Imma b'dak il-jum u b'dik is-siegħa ħadd ma jaf, le, lanqas l-anġli fis-smewwiet, **lanqas l-Iben**, iżda l-Missier."

75. **Mistoqsija**:

Temmen int, li hawn Ġesù ma kienx jaf **bħala bniedem**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mark 14:32-34

"U ħa miegħu 'l Pietru u 'l Ġakbu, u 'l Ġwanni, u beda **jitbażża'**, u **jiddejjaq** wisq; U qalilhom: Ruħi hija **mdejqa** wisq għall-mewt; oqogħdu hawn, u ishru."

76. **Mistoqsija**:

Temmen int, li hawn Ġesù kien **imbażża'** u **mdejjaq** bħala bniedem?

**Tweġiba**: IVA LE

## Luqa 2:52

"U Ġesù **kiber fil-għerf u fit-tul**, u fil-grazzja ma' Alla u mal-bnedmin."

77. **Mistoqsija**:

Temmen int, li hawn Ġesù **kiber fil-għerf u fit-tul** bħala bniedem?

**Tweġiba**: IVA LE

## Lhud 5:8-9

"Għalkemm kien iben, **tgħallem** l-ubbidjenza minn dawk il-ħwejjeġ **li bata**: U billi kien magħmul perfett, sar il-kawża tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li jobduh."

78. **Mistoqsija**:

Temmen int, li hawn Ġesù **tgħallem u bata** bħala bniedem?

**Tweġiba**: IVA LE

## Lhud 2:18

"Għax billi hu nnifsu **bata** billi kien **imġarrab**, jista' jgħin lil dawk li huma mġarrbin."

79. **Mistoqsija**:

Temmen int, li hawn Ġesù **bata u kien imġarrab** bħala bniedem?

**Tweġiba**: IVA LE

## Lhud 4:15

"Għax aħna m'għandniex qassis il-kbir li ma jħossx għad-dgħufijiet tagħna; imma li kien **imġarrab f'kollox bħalna**, iżda bla dnub."

80. **Mistoqsija**:

Temmen int, li Ġesù **kien imġarrab bħalna** bħala bniedem?

**Tweġiba**: IVA LE

81. **Mistoqsija**:

Temmen int, li dawk l-Iskritturi li għadna kif qrajna fuq kollha japplikaw għal dik **in-natura ta' Ġesù** fejn

jintqal dwarha: "Iżda xejjen lilu nnifsu, u ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u **kien magħmul fix-xbieha tal-bniedem**. U wara li minn barra nstab **bħala bniedem**, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib" (Filippin 2:7)?

**Tweġiba**: IVA LE

82. **Mistoqsija**:

Temmen int, li dawk l-Iskritturi li għadna kif qrajna fuq kollha japplikaw għal dik il-**Kelma** (Logos) li jintqal dwarha: "U l-Kelma **saret ġisem**, u għammret fostna, u aħna rajna l-glorja tagħha, glorja bħal ta' l-Iben waħdieni mill-Missier, mimlija grazzja u verità" (Ġwanni 1:14)?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 10:30

"Jiena u Missier ħaġa waħda aħna."

83. **Mistoqsija**:

Temmen li Kristu u Missieru huma "**ħaġa waħda**"?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 14:8-9

"Qallu Filippu: Mulej, urina 'l Missier, u biżżejjed għalina. Qallu Ġesù: Ilni daż-żmien kollu magħkom, **u għadek ma tafnix**, Filippu? **Min ra lili ra 'l Missier**; u kif tgħid int mela; Urina 'l Missier."

84. **Mistoqsija**:

Temmen int li min ra lil Ġesù ra 'l Missier?

**Tweġiba**: IVA LE

85. **Mistoqsija**:

Temmen int li Ġesù qiegħed ifisser li Hu u 'l Missier huma tassew ħaġa waħda, Alla li Jista' Kollox?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Ġwanni 14:13-14</u>

"U kulma **titolbu** f'ismi, dak nagħmel, biex il-Missier ikun igglorifikat fl-Iben. Jekk **titolbuni** xi ħaġa f'ismi, nagħmilha."

**86. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li t-talb għandu jkun indirizzat lill-Missier biss skond Ġesù f'Mattew 6:6-15?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

**87. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li Ġesù qiegħed igħid li aħna għandna nitolbu **Lilu f'ismu** u li dan juri li Hu Alla kif qal lil Filippu?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>1 Ġwanni 5:20</u>

"U nafu li l-Iben ta' Alla ġie, u tana d-dehen, biex nagħrfu lil dak li hu veru, u aħna **f'dak li hu veru**, **f'Ibnu Ġesù Kristu**. **Dan hu Alla veru**, u l-ħajja ta' dejjem."

**88. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li Ġesù Hu **dak li hu veru**?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

**89. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li Ġesù Hu msejjaħ **Alla veru**?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>1 Timotju 1:16-17</u>

"Imma minħabba dan qlajt ħniena, biex fija l-ewwel wieħed **Ġesù Kristu** juri sabar kbir, bħala eżempju għal dawk li għalli ġej jemmnu fih għall-ħajja ta' dejjem. Issa **lis-Sultan ta' dejjem**, li ma jmut qatt, li ma jidhirx, lil **Alla waħdu** għaref, ġieh u glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen."

90. **Mistoqsija**:

Temmen int li **Ġesù Kristu** Hu msejjaħ hawn **Alla waħdu**?

**Tweġiba**: IVA LE

91. **Mistoqsija**:

Temmen int li Ġesù Hu msejjaħ **Sultan ta' dejjem**? (Ara 1 Timotju 6:15-16; Rivelazzjoni 17:14.)

**Tweġiba**: IVA LE

92. **Mistoqsija**:

Temmen int li Ġesù Hu msejjaħ **Alla veru**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Eżodu 3:13, 14

"U Mosè qal lil **Alla**: Ara, jien sejjer għand ulied Iżrael, u ngħidilhom: **Alla** ta' missirijietkom bagħatni għandkom. Issa jekk igħiduli: **X'jismu**? X'ngħidilhom? U **Alla** qal lil Mosè: **JIEN LI JIEN**; u qal: Hekk għandek tgħid lil ulied Iżrael: **JIEN** bagħatni għandkom."

93. **Mistoqsija**:

Temmen int, li **isem Alla** hu **JIEN**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 8:24, 58

"Għalhekk għidtilkom, li tmutu fi dnubietkom: għax jekk ma temmnux li **jiena hu**, tmutu fi dnubietkom...[58]Qalilhom Ġesù: Tassew, tassew, ngħidilkom: Qabel ma kien Abraham, **Jien hu**."

94. **Mistoqsija**:

Temmen li Kristu Hu l-"**Jien hu**" (*ego eimi*?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 13:19

"Issa ngħidilkom qabel ma jiġri, biex, meta jiġri, temmnu li **Jiena hu.**"

**95. Mistoqsija:**

Temmen li Kristu Hu l-"**Jien hu,**" jiġifieri, li Hu tassew **Alla li Jista' Kollox**?

**Tweġiba:** IVA LE

## Mikea 5:2

"Iżda int, Betlehem ta' Efrata, għalkemm l-iżgħar fost l-eluf ta' Ġuda, minnek joħroġli **wieħed** li jkun jaħkem fuq Iżrael: li nislu jkun mill-qedem, mill-jiem ta' **l-eternità**."

**96. Mistoqsija:**

Temmen li skond Mikea dak **il-wieħed** kien mill-**eternità**, jiġifieri, ma kellux bidu, ma kienx maħluq?

**Tweġiba:** IVA LE

## Mattew 2:5, 6

"U huma qalulu (lil Erodi): F'Betlehem tal-Lhudija: għax hekk inkiteb mill-profeta: U int Betlehem art ta' Ġuda, m'intix l-iżgħar fost l-ibliet ewlwnin ta' Ġuda: għax minnek joħroġ mexxej, li jmexxi l-poplu tiegħi ta' Iżrael."

**97. Mistoqsija:**

Temmen li skond Mikea u Mattew dak **il-wieħed** kien Ġesù Kristu li kien mill-**eternità**, jiġifieri, ma kellux bidu, ma kienx maħluq?

**Tweġiba:** IVA LE

## Żakkarija 12:10

"U nsawwab fuq dar David u fuq in-nies ta' Ġerusalem l-ispirtu tal-grazzja u talb; u jħarsu **lejja, lejn min huma niffdu** u jixrhu **għalih**, bħalma wieħed jixher għal ibnu waħdieni, u jibku biki ta' mrar għalih, bħalma wieħed jibki biki ta' mrar għall-iben il-kbir ."

98. **Mistoqsija**:

Temmen int li skond dan il-kliem li hawn **Alla** qiegħed juża l-ewwel persuna jħarsu "**LEJJA**" u t-tielet persuna "**GĦALIH**" biex jiddeskrivi **Lilu Nnifsu** bħala l-wieħed li jkun imniffed?

**Tweġiba**: IVA LE

## Kolossin 2:8-9

"Araw li ħadd ma jħassarkom b'filosofija u qerq fieragħ, skond it-tagħlim tal-bnedmin, u skond l-elementi tad-dinja u mhux skond Kristu. **Għax fih tgħammar il-milja kollha tad-divinità fil-ġisem**."

99. **Mistoqsija**:

Temmen int li fi Kristu **tgħammar il-milja kollha tad-divinità fil-ġisem**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Atti 20:28

"Ħarsu lilkom infuskom mela u l-merħla kollha, li fuqha l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa, biex tirgħaw il-knisja ta' **Alla**, **li xtara b'demmu stess**."

100. **Mistoqsija**:

Temmen int li kien **Alla li xtara l-knisja b'demmu stess**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 4:42

"U qalu lill-mara [Samaritana]: Issa nemmnu, mhux minħabba kliemek: għax aħna nfusna smajnieh, u nafu li dan hu tassew il-Kristu, **is-Salvatur** tad-dinja"

101. **Mistoqsija**:

Temmen int, bħal mara Samaritana, li Kristu Hu **s-Salvatur** tad-dinja?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**<u>Titu 2:13-14</u>**

"U nistennew it-tama hienja u d-dehra tas-sebħ tal-kbir **Alla u Salvatur tagħna**, **Ġesù Kristu**. **Hu** li ta lilu nnifsu għalina biex jifdina minn kull ħażen u jnaddafna u jagħmel minna poplu għalih, poplu mħeġġeġ għal l-egħmil tajjeb."

102. **<u>Mistoqsija</u>**:
Temmen int li Ġesù Kristu Hu kemm **Alla** u kemm **Salvatur** tagħna?
**Tweġiba:** IVA LE

**<u>Isaija 43:11</u>**

"Jien, iva, jien, jien **Jaħweh**, **u għajri m'hemmx salvatur**."

103. **<u>Mistoqsija</u>**:
Temmen int li **Jaħweh waħdu hu s-Salvatur** u ħadd aktar?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

104. **<u>Mistoqsija</u>**:
Temmen int, li la skond il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, **għajr Jaħweh m'hemmx Salvatur** li dan ifisser li **Kristu** hu **Salvatur falz**?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

105. **<u>Mistoqsija</u>**:
Temmen int, li skond il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, kemm **Jaħweh** u kemm **Kristu** huma msejħa **Salvatur u Alla**?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

106. **<u>Mistoqsija</u>**:
Jekk skond il-Bibbja Mqaddsa, kemm **Jaħweh** u kemm **Kristu** huma msejħa **Salvatur u Alla**, u skond

l-istess Kelma ta' Alla hemm biss **Alla wieħed** u hemm biss **Salvatur wieħed**, ma jurix dan li Kristu Hu tassew **Jaħweh**, **Alla li Jista' Kollox**?

**Tweġiba**: IVA LE

**107. Mistoqsija**:

Jekk le, allura temmen int li **Kristu** hu **salvatur** falz **u alla**, falz?

**Tweġiba**: IVA LE

## Isaija 44:24

"Hekk qal **Jaħweh**, **il-feddej** tiegħek, u dak li sawrek mill-ġuf: Jien **Jaħweh li għamilt kollox**; li meddejt is-smewwiet **waħdi**; li frixt l-art **minni nnifsi**."

**108. Mistoqsija**:

Temmen int, li kien **Jaħweh** **waħdu** li **għamel kollox**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 1:1-3, 10

"Fil-bidu kienet il-Kelma, (Logos) u l-Kelma (Logos) kienet ma' Alla, u l-Kelma (Logos) kienet Alla. Din kienet filbidu ma' Alla. **Kollox sar biha u xejn ma sar mingħajrha milli sar**....10Kien fid-dinja, u d-dinja **saret bih**; u d-dinja ma għarfitux."

**109. Mistoqsija**:

Temmen int li **kollox** (Grieg, *pas*, li tfisser "kull ħaġa maħluqa") **sar** mill-**Kelma, Kristu**?

**Tweġiba**: IVA LE

**110. Mistoqsija**:

Temmen int li **xejn** **ma sar** mingħajr il-Kelma, Kristu, **milli sar**?

**Tweġiba**: IVA LE

111. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int li **d-dinja saret** mill-Kelma, Kristu?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

112. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int li la <u>**kollox**</u> (Grieg, *pas*, li tfisser "*kull ħaġa maħluqa*") **sar mill-Kelma** (Kristu), Kristu Nnifsu **ma jistax** ikun maħluq u għalhekk dan ifisser li Kristu kien mill-eternità kif naqraw f'Mikea 5:2?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Kolossin 1:15-17</u>

"Li hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha. Għax **bih kienu maħluqin il-ħwejjeġ kollha**, li huma fis-sema, u li ma jidhrux, sew jekk huma tronijiet, kemm jekk huma dominji jew prinċipati, jew setgħat: **kull ħaġa maħluqa bih, u għalih**. U hu qabel il-ħwejjeġ **kollha**, u bih il-ħwejjeġ **kollha** huma miżmumin flimkien."

113. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen li la hawn il-kelma Griega għal "**kollha**" hija ***pas*** li tfisser li **kull ħaġa maħluqa** hija maħluqa minn Kristu?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

114. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, li la "**bih kienu maħluqin <u>il-ħwejjeġ kollha</u>**, **(pas)** li huma fis-sema, u li ma jidhrux, sew jekk huma tronijiet, kemm jekk huma dominji jew prinċipati, jew setgħat: **kull ħaġa maħluqa bih, u għalih,**" **Kristu Nnifsu ma jistax ikun maħluq**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

115. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, li **Isaija 44:24** li jgħid li "Jien **Jaħweh li għamilt <u>kollox</u>**; li meddejt is-smewwiet <u>**waħdi**</u>; li

frixt l-art **minni nnifsi**" u **Ġwanni 1:3, 10** u **Kolossin 1:16 flimkien ma' Neħemija 9:6** huma prova ċara li Kristu tabilħaqq Hu Jaħweh, Alla li Jista' Kollox?

**Tweġiba**: IVA LE

## Neħemija 9:6

"Int, int hu Yaħweh waħdek! **Int għamilt** is-sema, is-sema tas-smewwiet, bl-eżerċtu tagħhom kollu, l-art, u kulma hemm fuqha, l-ibħra, u kulma hemm fihom; **u int li kollha tagħtihom il-ħajja**; u l-eżerċtu tas-sema **lilek iqim**"

**116. Mistoqsija**:

Temmen int li skond Neħemija kien **Jaħweh** li għamel **kollox**?

**Tweġiba**: IVA LE

**117. Mistoqsija**:

Temmen int, li skond l-appostli Ġwanni u Pawlu, ispirati mill-Ispirtu s-Santu, kien **Kristu** li għamel **kollox**?

**Tweġiba**: IVA LE

**118. Mistoqsija**:

Taqbel int, li skond l-ispirazzjoni, Kristu hu l-Jaħweh tat-Testment il-Qadim?

**Tweġiba**: IVA LE

## Lhud 1:6

"U raġa', meta ġieb l-iben il-kbir fid-dinja, qal: **Ħa jqimuh l-anġli kollha ta' Alla**."

**119. Mistoqsija**:

Temmen int li Neħemija qal b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, li l-eżerċtu tas-sema **lilek (Jaħweh) iqim**?

**Tweġiba**: IVA LE

120. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, li skond l-Ispirtu s-Santu, f'Lhud 1:6 l-eżerċtu kollu tas-sema, l-anġli, għandhom iqimu lil **Kristu (Ħa jqimuh l-anġli <u>kollha</u> ta' Alla**")?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

121. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, li skond il-Bibbja Mqaddsa, il-qima għandha tingħata biss lil **Alla waħdu** u lil ħadd aktar (Mattew 4:10; Atti 10:25-26; Rivelazzjoni 19:10; 22: 8, 9)?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

122. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, li skond il-Bibbja Mqaddsa, barra li l-anġli kollha għandhom **jagħtu qima lil Ġesù Kristu**, Ġesù Nnifsu wkoll aċċetta qima (Ara Ġwanni 9:38; Mattew 2:2, 8, 11; 8:2; 9:18; 14:33; 15:25; 20:20; 28: 9, 17)?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

123. <u>**Mistoqsija**</u>:

Taqbel int, li jekk il-qima għandha tingħata biss lil Alla (Mattew 4:10; Rivelazzjoni 19:10; 22:8, 9) u Ġesù Kristu kien mogħti qima (Ġwanni 9:38; Mattew 2:2, 8, 11; 8:2; 9:18; 14:33; 15:25; 20:20; 28:9, 17) u aċċettaha, allura dan juri li **Ġesù Kristu Hu tassew Alla**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Isaija 42:8</u>

"**Jien Jaħweh**: dak hu ismi; **u l-glorja tiegħi ma nagħtihiex lil wieħed ieħor**, lanqas tifħiri lill-immaġnijiet skolpiti,"

124. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int li **l-glorja** hija ta' **Jaħweh biss**?
**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Ġwanni 17:5</u>

"U issa, o Missier, igglorifikani int bik innifsek stess, **bil-glorja li kelli miegħek** qabel ma kienet id-dinja."

125. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int li hawn Ġesù Kristu **żbalja u ma kienx jaf** dak li ntqal f'Isaija?
**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

126. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int li hawn Ġesù Kristu kien qiegħed jitlob dik **il-glorja** li kellu ma' Alla minn dejjem (Mikea 5: 2; Ġwanni 1:1)?
**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

127. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int li l-kliem li jintqal f'Isaija minn **Jaħweh** dwar **il-glorja** japplika għal Kristu wkoll?
**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Isaija 44:6</u>

"Hekk igħid is-sultan ta' Iżrael u l-feddej tiegħu, **Jaħweh**, **Jien l-ewwel**, **u jien l-aħħar**; u għajri m'hemmx **Alla** ieħor."

128. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int li Jaħweh **waħdu** hu **l-ewwel u l-aħħar**?
**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Rivelazzjoni 1:7-8, 10-11</u>

"Ara, ġej mas-sħab; u tarah kull għajn, u dawk ukoll li nifduh: u jixhru minħabba fih it-tribujiet kollha ta' l-art. Iva, Amen. **Jien hu l-alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem, igħid il-Mulej**, li hu, u li kien, u li ġej. Dak li jista' kollox

[10-11]Kont fl-Ispirtu f'jum il-Mulej, u smajt warajja leħen qawwi, bħal ta' tromba, igħid: **Jien hu l-alfa u l-Omega, l-ewwel u l-aħħar**"

129. <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li hawn Ġesù Kristu Hu msejjaħ "**l-ewwel u l-aħħar**"?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

130. <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li ma hemmx ieħor **ħlief Jaħweh** li hu "**l-ewwel u l-aħħar**" skond Isaija 44:6?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

131. <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li Ġesù Kristu u **Jaħweh** huma "**l-ewwel u l-aħħar**"?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

132. <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li Ġesù Kristu Hu **Jaħweh,** "**l-ewwel u l-aħħar**"?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Isaija 44:8</u>

"La tibżgħux, la tinkwetawx; Ma ħabbartlekx u ma għarraftekx minn qabel? Intom ix-xhieda tiegħi! **Hemm xi alla ieħor għajri**, **jew xi blata oħra ħliefi**? **Jekk hemm, ma nafx**."

133. <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li hemm xi **blata oħra ħlief Jaħweh**?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>1 Korintin 10:4</u>

"U xorbu kollha l-istess xorb spiritwali: għax kienu jixorbu minn **dik il-Blata** spiritwali li kienet timxi warajhom: **u dik il-Blata kienet Kristu**,"

134. <u>Mistoqsija</u>:

Temmen int li **l-Blata** tat-Testment il-Qadim **kienet Kristu**?

<u>Tweġiba</u>: IVA LE

135. <u>Mistoqsija</u>:

Temmen int li l-Ispirtu s-Santu kien **nesa** x'kien ispira lil Isaija biex jikteb f'kapitlu 44:8 fejn qal li "...**jew xi blata oħra ħliefi**? **Jekk hemm, ma nafx**" meta ispira lil l-appostlu Pawlu biex jikteb li "**dik il-Blata kienet Kristu**"?

<u>Tweġiba</u>: IVA LE

136. <u>Mistoqsija</u>:

Temmen int li l-**Blata** ta' Isaija u l-**Blata** ta' Pawlu **huma l-istess, Jaħweh**?

<u>Tweġiba</u>: IVA LE

## <u>1 Tessalonikin 1:9-10</u>

"Għax huma stess igħidu fuqna x'daħla kellna fostkom, u kif dortu lejn **Alla** mill-idoli biex taqdu **'l Alla ħaj** u veru: U biex tistennew mis-sema 'l Ibnu, **li hu qajmu** minn bejn l-imwiet, Ġesù, li jeħlisna mill-għadab li ġej."

137. <u>Mistoqsija</u>:

Temmen int li kien Alla li qajjem minn bejn l-imwiet lil Ġesù? (Ara wkoll Rumani 8:11.)

<u>Tweġiba</u>: IVA LE

## <u>Ġwanni 2:19-21</u>

"Ġesù wieġeb u qalilhom: Ħottu dat-tempju, u fi tlitt ijiem **inwaqqfu**. Qalu mbagħad il-Lhud: Dat-tempju dam sitta u

erbgħin sena jinbena, u **int** twaqqfu fi tlitt ijiem? Imma hu kien igħid **għat-tempju ta' ġismu**. **Meta mela qam mill-imwiet**, id-dixxipli tiegħu ftakru li kien qalilhom dan; u emmnu l-iskrittura, **u l-kliem li kien qal Ġesù**."

**138.** <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li **Ġesù qajjem Lilu Nnifsu**? (Ara wkoll Ġwanni 10:17-18a.)

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

**139.** <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li għalkemm **Ġesù** qajjem Lilu Nnifsu kien ukoll **Alla** li qajmu?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Rivelazzjoni 22:6</u>

"U qalli: Dal-kliem hu żgur u minnu: u l-**Mulej Alla** tal-profeti qaddisa **bagħat l-anġlu tiegħu** biex igħarraf lill-qaddejja tiegħu l-ħwejjeġ li għandhom jiġru malajr."

**140.** <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li kien **Alla li bagħat l-anġlu Tiegħu**?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Rivelazzjoni 22:16</u>

"**Jien Ġesù bgħatt l-anġlu tiegħi** biex jixhdilkom dawn il-ħwejjeġ fil-knejjes..."

**141.** <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li kien **Ġesù li bagħat l-anġlu Tiegħu**?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

**142.** <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li f'dawn il-versi, jiġifieri vers 6 u vers 16 il-kliem **"il-Mulej Alla**" u "**Ġesù**" huma wżati li jfissru għal **l-istess Wieħed**, dak **li bagħat l-anġlu Tiegħu**?

**Tweġiba**: IVA LE

143. **Mistoqsija**:

Temmen int li **"il-Mulej"** huwa **Alla**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Efesin 4:5

"**Mulej wieħed**, fidi waħda, magħmudija waħda."

144. **Mistoqsija**:

Temmen int li **Mulej wieħed** biss hemm, **Alla**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Filippin 2:11

"U kull ilsien jistqarr **li Ġesù Kristu hu Mulej**, għall-glorja ta' Alla l-Missier."

145. **Mistoqsija**:

Temmen int li **Ġesù Kristu hu Mulej**?

**Tweġiba**: IVA LE

146. **Mistoqsija**:

Temmen int, li jekk hemm biss **Mulej wieħed** li Hu **Alla**, allura **Ġesù Kristu, li hu Mulej**, huwa wkoll **Alla**?

**Tweġiba**: IVA LE

147. **Mistoqsija**:

Temmen int, li jekk hemm biss **Mulej wieħed** li Hu **Alla**, u jekk it-tweġiba tiegħek ta' fuq kienet "LE," li dan jagħmel lil **Ġesù Kristu, li hu Mulej**, mulej falz?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 20:28

"U Tumas wieġeb u qallu: il-**Mulej tiegħi**, u **'l Alla** tiegħi."

148. **Mistoqsija**:

Temmen int li Ġesù skond Tumas innifsu, wieħed mill-appostli, Hu **Mulej u Alla**?
**Tweġiba**: IVA LE

149. **Mistoqsija**:
Lest int li lil Ġesù **taċċettah** bħala **l-Mulej u 'l Alla** tiegħek, l-istess kif għamel l-appostlu Tumas, jew li taċċettah skond it-tagħlim ta' xi mexxejja reliġjużi?
**Tweġiba**: IVA LE
- Naċċettah bħala **l-Mulej u 'l Alla** tiegħi, l-istess kif għamel l-appostlu Tumas ☐
- Naċċettah skond it-tagħlim tal-mexxejja reliġjużi ☐

## Mark 10:17-18

"U wara li ħareġ fit-triq, ġie wieħed jiġri, u qagħad għar-kobbtejh quddiemu, u staqsieh: **Mgħallem tajjeb**, x'nagħmel biex niret il-ħajja ta' dejjem. U Ġesù qallu: Għax tgħidli **tajjeb**? **M'hemm ħadd tajjeb għajr wieħed, Alla**."

150. **Mistoqsija**:
Temmen int li "**M'hemm ħadd tajjeb għajr wieħed, Alla**?
**Tweġiba**: IVA LE

151. **Mistoqsija**:
Temmen int li **kulħadd** hu ħażin għajr wieħed, **Alla**?
**Tweġiba**: IVA LE

152. **Mistoqsija**:
Temmen int li l-Mulej tagħna **Ġesù Kristu** hu wieħed **mill-ħżiena**, la **m'hemm ħadd tajjeb għajr wieħed, Alla**?
**Tweġiba**: IVA LE

153. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-Mulej tagħna **Ġesù Kristu** **mhuwiex** wieħed **mill-ħżiena**, ukoll għalkemm **m'hemm ħadd tajjeb għajr wieħed, Alla**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 10:7, 11

"Imbagħad qalilhom Ġesù...Jiena hu r-ragħaj **it-tajjeb**: ir-ragħaj **it-tajjeb** jagħti ħajtu għan-ngħaġ."

154. **Mistoqsija**:

Temmen int li Ġesù Hu r-ragħaj **it-tajjeb,** ukoll għal-kemm "**m'hemm ħadd tajjeb għajr wieħed, Alla**"?

**Tweġiba**: IVA LE

## 1 Ġwanni 3:5

"Intom tafu li hu deher biex ineħħi dnubietna; u li **m'hemm ebda dnub fih**." (ara wkoll 2 Korintin 5:21; Lhud 4:15; 1 Pietru 2:22.)

155. **Mistoqsija**:

Temmen int li Ġesù Hu **tajjeb,** billi fih **m'hemm ebda dnub**, ukoll għalkemm "**m'hemm ħadd tajjeb għajr wieħed, Alla**"?

**Tweġiba**: IVA LE

156. **Mistoqsija**:

Temmen int, li la Ġesù "Hu r-ragħaj **it-tajjeb,**" u li "**m'hemm ebda dnub fih**" u li la "**m'hemm ħadd tajjeb għajr wieħed, Alla,**" allura l-unika konkluż-joni hija li **Ġesù Kristu Hu tassew Alla li Jista' Kollox** għaliex hemm biss **WIEĦED** tajjeb u mhux **tnejn**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Salm 23:1

"**Jaħweh hu r-ragħaj** tiegħi: xejn ma jonqosni"

157. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int li **Jaħweh hu r-ragħaj**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Ġwanni 10:16b</u>

"...U jkun hemm merħla waħda, **u ragħaj <u>wieħed</u>.**"

158. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int li hemm **ragħaj <u>wieħed</u>**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

159. <u>**Mistoqsija**</u>:

Jekk hemm **ragħaj <u>wieħed</u>**, u **Jaħweh hu r-ragħaj**, u **Ġesù hu r-ragħaj ukoll**, temmen int li Ġ**esù Kristu hu Jaħweh**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Atti 7:59</u>

"U huma ħaġġru 'l Stiefnu, huwa u jitlob u jgħid: '**Mulej Ġesù**, ilqa' **l-ispirtu** tiegħi. "

160. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int li **l-ispirtu** ta' Stiefnu mar għand **il-Mulej Ġesù**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Ekkleżjażti 12:7</u>

"Imbagħad jarġa' t-trab lejn l-art, bħal ma kien; **u l-ispirtu** jarġa' lejn **Alla**, li tah."

161. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int li **l-ispirtu** jarġa' jmur għand **Alla**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

162. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int li la **l-ispirtu** jarġa' jmur għand **Alla**, u l-ispirtu ta' Stiefnu **mar għand il-Mulej Ġesù** li dan

ifisser li l-**Mulej Ġesù hu tassew Alla li Jista' Kollox**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 5:26

"Għax bħal ma għandu l-Missier il-ħajja **fih innifsu**; hekk ukoll ta lil l-Iben biex ikollu l-ħajja **fih innifsu**."

**163. Mistoqsija**:

Temmen int li jekk **il-Missier** għandu **l-ħajja fih innifsu**, u li dan ifisser li **l-Missier** hu **minn dejjem**, m'għandux bidu, u li jekk l-**Iben** għandu **l-ħajja fih innifsu**, dan ifisser ukoll li l-**Iben** hu **minn dejjem** ukoll u m'għandu ebda bidu?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 6:46

"Mhux **għax xi ħadd ra l-Missier**, **ħlief** dak li hu minn Alla; **dan ra** l-Missier."

**164. Mistoqsija**:

Temmen int li **ħadd qatt ma ra lil Missier ħlief Kristu**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Isaija 6:1

"Fis-sena li miet is-sultan Għużżija, **rajt ukoll il-Mulej Jaħweh** qiegħed fuq it-tron, fil-għoli u merfugħ, u djulu kien jimla t-tempju."

**165. Mistoqsija**:

Temmen int li Isaija qiegħed igħid li hu **ra lill-Mulej Jaħweh**?

**Tweġiba**: IVA LE

**166. Mistoqsija**:

Temmen int li **'l Mulej Jaħweh** hu **Alla**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 12:41

"Dawn il-ħwejjeġ qal Isaija, meta **ra l-glorja tiegħu**, (ta' Ġesù) u tkellem fuqu."

**167. Mistoqsija**:
Temmen int li Isaija ra lill-**Mulej Jaħweh** u li Ġwanni, b'ispirazzjoni, igħid li kien **Ġesù** li Isaija ra?
**Tweġiba**: IVA LE

**168. Mistoqsija**:
U jekk lil **Alla**, **Jaħewh**, ħadd ma rah skond Ġwanni 6:46, u Isaija jgħid li ra lill-**Mulej Jaħweh,** u Ġwanni, b'ispirazzjoni, igħid li kien **Ġesù** li Isaija **ra**, ma taqbilx int ma' Ġwanni, li b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu qal li **Jaħweh** li Isaija **ra** kien **Ġesù**?
**Tweġiba**: IVA LE

## 1 Timotju 6:14-15

"Inwissik biex tħares il-liġi u żżomm ruħek bla tebgħa u bla ħtija sa jum id-dehra ta' **Sidna Ġesù Kristu**, li għad juriha f'waqtha. **Dak** li hu l-hieni u **waħdu setgħani**, **is-Sultan** tas-slaten u s-sid tas-sidien."

**169. Mistoqsija**:
Temmen int li **Sidna Ġesù Kristu hu s-Sultan**?
**Tweġiba**: IVA LE

## Rivelazzjoni 22:1, 3

"U wrieni xmara safja ta' ilma tal-ħajja, ċar daqs il-kristall, ħierġa **mit-tron ta' Alla u tal-Ħaruf**...[3]U ma jkunx hemm aktar saħta; iżda **t-tron ta' Alla u tal-Ħaruf** ikun fiha; u l-qaddejja **tiegħu jagħtuh** qima." (Ara wkoll Rivelazzjoni 7:10, 17.)

**170. Mistoqsija**:

Temmen int li fuq **tron** ipoġġi biss **is-sultan**?
**Tweġiba**: IVA LE

171. **Mistoqsija**:
Temmen int li **sultan wieħed biss** jista' jkun hemm fuq **tron**?
**Tweġiba**: IVA LE

172. **Mistoqsija**:
Temmen int li dak li qrajna f'Rivelazzjoni 22:1, 3, jiġifieri, "**it-tron ta' Alla u tal-Ħaruf**" li **Alla** u **l-Ħaruf** huma **l-istess wieħed**, jiġifieri, **Alla li Jista' Kollox**?
**Tweġiba**: IVA LE

173. **Mistoqsija**:
Temmen int li l-frażi "il-qaddejja **tiegħu** **jagħtuh** **qima**" (u mhux "**tagħhom jagħtuhom**") turi li hemm **wieħed** fuq it-tron u mhux tnejn?
**Tweġiba**: IVA LE

## Efesin 5:5

"Għax intom tafu: li l-ebda żieni, jew faħxi, jew rgħib li hu idolatra, m'għandu wirt **fis-saltna ta' Kristu u ta' Alla**."

174. **Mistoqsija**:
Tista' saltna tkun immexxija minn **żewġ slaten**?
**Tweġiba**: IVA LE

175. **Mistoqsija**:
Temmen int li meta jintqal "**fis-saltna ta' Kristu u ta' Alla**" jfisser li **Kristu** hu tassew **Alla li Jista' Kollox** u dan għaliex hemm **Sultan** wieħed biss, u mhux tnejn, u **Saltna** waħda biss, u mhux tnejn?
**Tweġiba**: IVA LE

## Salm 27:1

"**Jaħweh hu d-dawl u s-salvazzjoni** tiegħi..."

**176. Mistoqsija:**

Temmen int li **Jaħweh hu d-dawl**?

**Tweġiba:** IVA LE

**177. Mistoqsija:**

Temmen int li **Jaħweh hu s-salvazzjoni**?

**Tweġiba:** IVA LE

## 1 Ġwanni 1:5

"Din mela hi l-bxara li aħna smajna mingħandu, u ngħar-rfuhielkom, **li Alla hu d-dawl**, u fih m'hemmx dlam."

**178. Mistoqsija:**

Temmen int li **Alla hu d-dawl**?

**Tweġiba:** IVA LE

## Ġwanni 8:12

"Imbagħad **Ġesù** raġa' kellimhom, billi qal: **Jiena hu d-dawl tad-dinja**: min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam, **imma jkollu d-dawl tal-ħajja**."

**179. Mistoqsija:**

Temmen int li **Ġesù hu d-dawl**?

**Tweġiba:** IVA LE

**180. Mistoqsija:**

Temmen int li **Jaħweh**, **Alla,** u **Ġesù** huma **wżati bħala li jfissru għal l-istess wieħed bħala li Hu d-dawl**, jiġifieri, **Alla li Jista' Kollox**?

**Tweġiba:** IVA LE

## Salm 37:39

"**Is-salvazzjoni** tal-ġusti tiġi minn **Jaħweh**: **hu** l-kenn tagħhom fi żmien il-għawġ."

**181. Mistoqsija:**

Temmen int li **Jaħweh hu l-kenn** ta' dawk li jinsabu fil-għawġ u **s-salvazzjoni** tal-ġusti?
**Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 11:28-30

"Ejjew **għandi**, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom. Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif."

182. **Mistoqsija**:
Temmen int li **Ġesù hu l-kenn** ta' dawk li jinsabu fil-għawġ?
**Tweġiba**: IVA LE

## Isaija 12:2

"Ara, **Alla s-salvazzjoni** tiegħi; nittama, u ma' nibża' minn xejn; għax **il-Mulej Jaħweh**, hu l-qawwa u l-għanja tiegħi, u **hu wkoll sar is-salvazzjoni tiegħi**."

183. **Mistoqsija**:
Temmen int li **Alla** u **l-Mulej Jaħweh** hawn huma l-istess wieħed?
**Tweġiba**: IVA LE

184. **Mistoqsija**:
Temmen int li **l-Mulej Jaħweh sar** is-salvazzjoni?
**Tweġiba**: IVA LE

## Lhud 5:9

"U billi kien magħmul perfett, **sar** il-kawża **tas-salvazzjoni** ta' dejjem għal dawk kollha li jobduh."

185. **Mistoqsija**:
Temmen int li **l-Mulej Ġesù Kristu sar is-salvazzjoni**?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**186. <u>Mistoqsija</u>**:

Ma jurix dan li **l-Mulej Jaħweh li <u>sar</u> is-salvazzjoni hu l-istess Mulej Ġesù Kristu li sar is-salvazzjoni** ta' dejjem għal dawk kollha li jobduh? (Ara mistoqsijiet 15-19)

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

## <u>Rivelazzjoni 3:14</u>

"U lill-anġlu tal-knisja ta' Loadikija ikteb: Dawn il-ħwejjeġ igħid l-Amen, ix-xhud fidil u veru, **il-bidu** (Grieg, *arkhe*) tal-ħolqien **ta'** Alla."

**187. <u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int, li Kristu, li dan il-vers qiegħed jirreferi Għalih, hu **l-bidu** (Grieg, *arkhe*) tal-ħolqien ta' Alla?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

## <u>Rivelazzjoni 21:6</u>

"U qalli: Seħħu. Jien l-Alfa u l-Omega, **il-bidu** (Grieg, *arkhe*) u t-tmiem. Lil min hu bil-għatx nagħtih jixrob b'xejn mill-għajn ta' l-ilma tal-ħajja."

**188. <u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int li hawn **Alla** qiegħed isejjaħ Lilu Nnifsu **l-bidu** (Grieg, *arkhe*)?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

## <u>Rivelazzjoni 22:13</u>

"Jien l-alfa u l-Omega, **il-bidu** (Grieg, *arkhe*) u t-tmiem, l-ewwel u l-aħħar."

**189. <u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int li hawn ukoll **Alla** qiegħed isejjaħ Lilu Nnifsu **l-bidu** (Grieg, *arkhe*)?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

190. **Mistoqsija**:

Temmen int li f'**Rivelazzjoni 3:14; 21:6 u 22:14** l-istess kelma, **il-bidu** (Grieg, *arkhe*) hija applikata kemm għal **Alla** u kemm għal **Kristu**?

**Tweġiba**: IVA LE

191. **Mistoqsija**:

Temmen int li la f'**Rivelazzjoni 3:14; 21:6 u 22:14** l-istess kelma, **il-bidu** (Grieg, *arkhe*) hija applikata kemm għal **Alla** u kemm għal **Kristu**, dan ifisser li **Kristu** *ma jistax li kellu bidu jew li Hu maħluq* għaliex jekk ikun hekk, allura dan ikun ifisser li **Alla** wkoll kellu bidu u kien maħluq?

**Tweġiba**: IVA LE

## Luqa 5:20-22

"Meta ra l-fidi tagħhom, qallu, "Ħabib, **dnubietek maħfura**." Il-kittieba u l-fariżej qabdu jaħsbu u jgħidu bejnhom u bejn ruħhom: "Dan min hu biex jitkellem hekk?" **Din dagħwa! Għax min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla waħdu**?"

192. **Mistoqsija**:

Temmen int li la **Alla waħdu** jista' jaħfer id-dnubiet, u **Ġesù** ħafer id-dnubiet, dan juri li **Ġesù Kristu** hu tassew **Alla li Jista' Kollox**?

**Tweġiba**: IVA LE

193. **Mistoqsija**:

Temmen int li jekk, kif jintqal minn xi wħud, li **Ġesù** ħafer id-dnubiet għaliex **Alla** tah is-setgħa li jagħmel dan, allura mbagħad ma jibqax **Alla waħdu** li jista' jaħfer id-dnubiet?

**Tweġiba**: IVA LE

194. **Mistoqsija**:

Temmen int li **Ġesù** ħafer id-dnubiet għaliex Hu kien tassew **Alla li Jista' Kollox** imma ġie fid-dinja bħala bniedem, kif naqraw f'Filippin 2:5-8? (Ara Mistoqsijiet 57-64).

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 8:58-59

"Qalilhom Ġesù, **Qabel** ma kien Abraham, **jien hu**. Imbagħad *qabdu l-ġebel biex jitfgħuh għalih*: imma Ġesù staħba, u ħareġ mit-tempju, billi għadda minn nofshom, u hekk baqa' sejjer."

**195. Mistoqsija**:

Temmen int li huma qabdu l-ġebel biex jitfgħuh għal Ġesù għaliex b'dik l-istqarrija, meta Hu qalilhom "**Jien Hu**," kien qiegħed ifisser li **Hu Alla**? (Ara mistoqsijiet 49-55).

**Tweġiba**: IVA LE

## 1 Kronaki 29:11

"Tiegħek, o Jaħweh, il-kobor, u l-qawwa, u l-glorja, u s-sebħ, u l-ġieh: għax kulma hu fis-sema u fl-art tiegħek; tiegħek is-saltna, o Jaħweh, u int titgħolla bħala sovran fuq kulħadd!"

**196. Mistoqsija**:

Temmen int li Jaħweh hu omnipotenti, jiġifieri, li għandu s-setgħa kollha u fuq kollox?

**Tweġiba**: IVA LE

## Filippin 3:20-21

"Għax iċ-ċittadinanza tagħna hi fis-sema: minn hemm ukoll aħna nistennew is-Salvatur, lil Sidna Ġesù Kristu: Li jbiddel il-ġisem ta' l-umiljazzjoni tagħna, biex ikun jixbah

il-ġisem tal-glorja tiegħu, skond is-setgħa li biha jista' wkoll **jissuġġetta kollox għalih innifsu**."

197. <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li **Kristu** skond dawn il-versi hu omnipotenti, jiġifieri, li għandu s-setgħa kollha u fuq kollox?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>1 Ġwanni 3:20</u>

"Għax jekk qalbna ċċanfarna, Alla hu akbar minn qalbna, u **jaf kollox**."

198. <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li **Alla** "**jaf kollox**"?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Kolossin 2:2-3</u>

"Biex qalbhbom titfarraġ, u magħqudin flimkien bl-imħabba, u fil-għana kollu tal-konvinzjoni sħiħa tad-dehen, jagħrfu l-misteru ta' Alla, u tal-Missier, u ta' Kristu: Li **fih jinsabu moħbija t-teżori kollha tal-għerf u tat-tagħlim**"

199. <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li fi **Kristu** "**jinsabu moħbija t-teżori kollha tal-għerf u tat-tagħlim**?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Ġwanni 21:17</u>

"Raġa' qallu għat-tielet darba: Xmun, bin Ġwanni, tħobbni? Għela Pietru għax għat-tielet darba qallu: Tħobbni? U qallu: **Mulej, int taf kollox**; int taf li jien inħobbok. Qallu Ġesù: Irgħa n-nagħaġ tiegħi" (ara wkoll Ġwanni 4:16-19).

200. <u>**Mistoqsija**</u>:
Temmen int li **Kristu** "**jaf kollox**"?
<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

**201. Mistoqsija:**
Temmen int li **Alla waħdu** jista’ jkun “**jaf kollox**”?
**Tweġiba:** IVA LE

**202. Mistoqsija:**
La Kristu “**jaf kollox,**” ma jagħmlux dan **Alla**?
**Tweġiba:** IVA LE

## Atti 26:8

“Għaliex taħsbu intom li hi ħaġa li ma tistax titwemmen, li **Alla** jqajjem il-mejtin?”

**203. Mistoqsija:**
Temmen int li huwa **Alla** li jqajjem il-mejtin?
**Tweġiba:** IVA LE

## Ġwanni 6:40

“U din hi r-rieda ta’ dak li bagħatni, li kull min jara l-Iben, u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta’ dejjem; u **jien** inqajmu fl-aħħar jum.”

**204. Mistoqsija:**
Temmen int li huwa **Ġesù** li jqajjem, fl-aħħar jum?
**Tweġiba:** IVA LE

**205. Mistoqsija:**
Taqbel li dawn l-Iskritturi juru d-Dvinità ta’ Kristu?
**Tweġiba:** IVA LE

## Ġeremija 17:13

“O Jaħweh, tama ta’ Iżrael, dawk kollha li jitilquk jistħu, u dawk li jitilqu minnek jinkitbu fuq l-art, għax telqu lill-**Jaħweh, il-għajn ta’ l-ilma ġieri**.”

**206. Mistoqsija:**
Temmen int li **Jaħweh** huwa l-għajn ta’ l-ilma ġieri?
**Tweġiba:** IVA LE

**Ġwanni 4:13-14**

"Wieġeb **Ġesù**, u qalilha: Kull min jixrob minn dal-bir jarġa' jieħdu l-għatx: Iżda kull min jixrob mill-ilma li nagħtih jien ma jieħdu għatx qatt; imma l-ilma li nagħtih **jien** ikun fih **għajn ta' ilma ġieri sal-ħajja ta' dejjem**."

**207. Mistoqsija:**

Temmen int li **Ġesù** huwa għajn ta' ilma ġieri, l-istess bħal **Jaħweh**?

**Tweġiba:** IVA LE

**Salm 68:35**

"O Alla, int tal-biża' mis-santwarji tiegħek: **Alla ta' Iżrael hu dak li jagħti s-saħħa u l-qawwa** lill-poplu tiegħu. Ikun imbierek Alla."

**208. Mistoqsija:**

Temmen int li huwa **Alla** li jagħti s-saħħa u l-qawwa?

**Tweġiba:** IVA LE

**Luqa 9:1**

"Imbagħad sejjaħ lit-tnax-il dixxiplu tiegħu flimkien, **u tahom il-qawwa u s-setgħa** fuq id-demonji kollha, u biex ifejqu l-mard."

**209. Mistoqsija:**

Temmen int li hu **Ġesù** li jagħti l-qawwa u s-setgħa?

**Tweġiba:** IVA LE

**210. Mistoqsija:**

Ma jurux dawn l-Iskritturi li **Ġesù hu tassew Alla**?

**Tweġiba:** IVA LE

**Lhud 1:1-3**

"**Alla,** li bosta drabi u b'ħafna manjieri kellem fl-imgħoddi lil missirijietna bil-profeti. F'dawn l-aħħar jiem kellimna **b'Ibnu**, li għamlu werriet tal-ħwejjeġ kollha, u li bih ukoll

għamel id-dinjiet; **Hu, li hu d-dija tal-glorja tiegħu u x-xbieħa perfetta tiegħu,...**"

211. **Mistoqsija:**
Temmen int li Kristu hu **"d-dija tal-glorja" ta' Alla u** "**x-xbieħa perfetta ta' Alla**?
**Tweġiba:** IVA LE

212. **Mistoqsija:**
Jista' Kristu jkun **"d-dija tal-glorja" ta' Alla u** "**x-xbieħa perfetta ta' Alla** u ma jkunx **Alla**?
**Tweġiba:** IVA LE

## Mattew 28:19

"Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu."

213. **Mistoqsija:**
Temmen int li "**fl-isem**" u mhux "fl-ismijiet juri li ma hemm ebda differenza bejn **il-Missier u l-Iben**?
**Tweġiba:** IVA LE

## Ġwanni 20:28

"U Tumas wieġeb u qallu: il-Mulej tiegħi u **'l Alla** tiegħi."

214. **Mistoqsija:**
Taqbel int li **Ġesù**, għal l-appostlu Tumas, kien il-**Mulej u 'l Alla** tiegħu?
**Tweġiba:** IVA LE

215. **Mistoqsija:**
Lest int li taċċetta lil **Ġesù** bħala **l-Mulej u 'l Alla** tiegħek kif kien għal Tumas?
**Tweġiba:** IVA LE

## Ġwanni 8:24

"Għalhekk għidtilkom, li tmutu fi dnubietkom; għax jekk ma temmnux li **JIENA HU**, tmutu fi dnubietkom."

**216. <u>Mistoqsija</u>:**
Lest int li taċċetta lil **Ġesù** bħala **l-JIENA HU**?
**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE